Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 197/2014

**Roza Stoilova Manoilova (appellata)**

**Vs**

**GasanMamo Insurance Limited (appellanti)**

28 ta' Lulju, 2017.

1. B'avviz prezentat fis-17 ta' Marzu, 2014 l-attrici talbet lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' €2,018, prezz li hallset meta xtrat vjagg ghaliha u ghal zewgha li kellu jibda fl-4 ta' Mejju, 2013. Il-hlas intalab a bazi ta' polza ta' assikurazzjoni li l-attrici xtrat fis-7 ta' Jannar, 2013.

2. Il-konvenuta wiegbet li:

    i. L-attrici ghandha tipprova ghaliex il-vjagg ma sarx u kif waslet ghall-ammont mitlub.
    ii. Jinkombi fuq l-attrici li tipprova li kellha dritt ghall-kumpens minghand il-konvenuta a bazi ta' Travel Insurance Policy.
    iii. It-talba attrici hi eskluza skont it-Travel Insurance Policy u ghalhekk mhux dovut hlas minhabba ksur tal-obbligi li kellha l-attrici.
    iv. F'kaz li t-talba tal-attrici tintlaqa', il-hlas ghandu jkun is-sehem taghha biss ghall-ispejjez tal-vjagg.

3. B'sentenza tat-28 ta' Jannar, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar cahad l-eccezzjonijiet u laqa' t-talba tal-attrici, wara li kkunsidra:

> *"8. Jirrizulta mill-provi li r-ragel tar-rikorrenti kien verament waqaf jiehu lmedicina li kienet giet preskritta lilu f'Settembru, 2011 u allura meta hija mliet il-polza hija kienet qeghda tghid dak li fil-verita kienet is-sitwazzjoni taghhom dak iz-zmien. Din il-medicina, ghalkemm hemm imnizzla fiddokument immarkat RS 3 a fol. 32 li "the patient was previously on amiodarone, which was stopped by the patient himself" jidher li kienet twaqqfet fuq rakkomandazzjoni tat-tabib tar-ragel tar-rikorrenti Dr. Aleksander Kadyiski. It-Tribunal hawn jaghmel referenza ghall-artikolu 9 (2)(b) tal-Kap. 380 fejn jinghad li huwa "ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jitratta". Wiehed ma jridx jinsa d-diffikulta tal-lingwa li zewg irrikorrenti jidher li ghandu tant li biex xehed quddiem it-Tribunal kellhu jitqabbad interpretu. Ghalhekk, ghalkemm dak li jinghad mit-tobba jidher li ghandu mis-sewwa, t-Tribunal xorta wahda irid izomm quddiem ghajnejh id-diffikulta tal-*

*lingwa li zewg ir-rikorrenti kellhu meta huwa ittiehed l-isptar u tnizzlu dawk in-notamenti. Ghalhekk, jirrizulta li ssocjeta intimata ma hijiex gustifikata li ma tatix ir-rizarciment rikjest mirrikorrenti. Kollox ma kollox, it-Tribunal ma ntweriex li huwa ma ghandux ghalfejn joqghod fuq id-dikjarazzjoni maghmula mit-tabib privat ta' zewg ir-rikorrenti u konsegwentement, anke in vista ta' dak li tghid il-ligi li waqqfet dan it-Tribunal, huwa sejjer jaccetta tali dikjarazzjoni ghal finijiet ta' provi f'dan il-kaz.*

*9. Is-socjeta intimata fl-ahhar eccezzjoni taghha tghid li "illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u in linea sussidjarja, f'kaz li t-talba attrici ghal kumpens tintlaqa, din ghandha tinghata kumpens ghal sehemha biss ghall-ispejjez tal-vjagg u mhux ta' terzi". Din l-eccezzjoni inghatat peress li hija r-rikorrenti biss li intavolat dawn il-proceduri u mhux zewgha ukoll. Mill-provi prodotti pero, ma jirrizultax a sodisfazzjon tatTribunal li r-rikorrenti ma hargitx il-flus tal-vjagg kollha hi. Prova li tezisti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti ma ingibietx u allura tTribunal ma jarax l-ghala r-rikorrenti ma ghandhiex tkun intitolata tressaq dawn il-proceduri wahedha. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk tezisti lkomunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti, l-fatt li tkun intavolat ilkawza r-rikorrenti biss, kif inhu l-kaz, ma hemm xejn fil-ligi li tghid li hija intitolata biss ghal dak li jispetta lilha biss mill-vjagg. Dak li ghamlet irrikorrenti meta fethet dawn il-proceduri huwa a beneficcju talkomunjoni. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda".*

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

*"i. It-Tribunal naqas milli jaghti konsiderazzjoni xierqa lir-rekwiziti legali mehtiega sabiex tirnexxi l-azzjoni tal-attrici fil-konfront tas-socjeta intimata.*
*ii. It-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-provi prodotti stante li ibbaza d-decizjoni tieghu fuq ix-xhieda moghtija mill-attrici u zewgha, liema xhieda ma kinitx wahda konsistenti u minflok skarta x-xhieda ta' persuni ohra, anke xhieda indipendenti, liema xheida kienet ferm iktar kredibbli u konsistenti.*
*iii. It-Tribunal skarta l-argument tas-socjeta konvenuta li l-attrici ma tistax titlob kumpens ghall-vjagg taghha u ta' zewgha meta zewgha ma kienx parti fil-kawza.*
*iv. It-Tribunal akkorda imghaxijiet fuq is-somma likwidata minn meta saret il-claim mill-attrici lis-socjeta intimata nonostante l-fatt li ma kienx hemm interpellanza permezz ta' xi att gudizzjarju fil-konfront taghha dak iz-zmien".*

5. L-attrici wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

6. **Fatti**.

i. Fis-7 ta' Jannar, 2013 l-attrici bbukjat xtrajt vjagg ghaliha u ghal zewgha. Il-vjagg kien cruise li kellu jibda fl-4 ta' April, 2013.
ii. Il-prezz tal-vjagg kien €2,018.
iii. Fis-7 ta' Jannar 2013 xtrat insurance ghal hdax-il gurnata li jibdew mill-4 ta' Mejju, 2013.
iv. Fid-29 ta' Marzu, 2013 zewgha ddahhal l-isptar minhabba wgiegh f'sidru. Fil-31 ta' Marzu, 2013 hareg mill-isptar.
v. Fit-18 ta' April, 2013 rega' ddahhal l-isptar b'ugiegh f'sidru. Inzamm lejl l-isptar.

vi. Fid-19 ta' April, 2013 inhareg certifikat mediku li fih jinghad: "*This is to certify that Mr Manoilov is currently not fit to travel in view of medical condition and pending investigations*".

vii. Irrizulta li fis-sena 2011 ir-ragel tal-attrici kienu jiehu l-medicina Warfarin u Amiodarone.

viii. Fit-22 ta' April, 2013 l-attrici ghamlet *claim* mal-assikurazzjoni biex tirkupra l-prezz tal-vjagg li kienet hallset.

ix. It-tabib Oscar Aquilina xehed li l-pazjent iddahhal l-isptar minhabba fibrillazzjoni fil-qalb. Ikkonferma wkoll li kien qieghed jiehu medicina ghal dik il-kundizzjoni.

x. Is-socjeta assiguratrici irrifjutat it-talba tal-attrici minhabba li wahda mill-kundizzjonijiet tal-polza kienet li:

> *"Person with whom the Insured has arranged to travel or stay was not:*
> *(a) Receiving or waiting medical or surgical treatment at the time of effecting the insurance; or*
> *(b) Suffering from a serious or chronic illness and/or injury which has required consultation or treatment within the past 12 months"*.

John Galdes, xhud tas-socjeta konvenuta, xehed: "*Ahna meta rrifjutajna li nhallsu l-ammont li qieghed jippretendi r-rikorrenti ghamilna dan a bazi tal-fatt illi ahna kkonkludejna li huwa kien ghadu qieghed jircievi trattament dak iz-zmien u li* ***fl-opinjoni taghna r-ragel tar-rikorrenti kien qieghed isofri minn kundizzjoni kronika***".

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

7. Hu principju fundamentali li kuntratt ta' assikurazzjoni hu bzata fuq *uberrima fides*.

8. Il-qorti tosserva li l-konvenuta ma pprezentatx *proposal form* li normalment issir qabel tinhareg polza ta' assikurazzjoni, izda pprezentat *Travel Insurance Application Form* fejn hemm parti intestata *HEALTH WARRANTY* u riprodott hemm l-estratt citat hawn fuq (ara fol. 75).

9. L-oneru tal-prova kien fuq is-socjeta konvenuta, cjoe' li r-ragel tal-attrici kien qieghed ibaghati minn **mard kroniku**.

10. John Galdes xehed:

> *"Nixtieq naghmel referenza wkoll ghal case summaries imressqa mill-klijenti taghna liema case summaries kienu jirreferu ghal files li hemm gol-isptar Mater Dei u li huma ezibiti wkoll f'dawn il-proceduri fejn jidher bic-car li r-ragel tar-rikorrenti kien qieghed ibaghati minn hypertension, fibrillation, heart disease u chronic heart failure. A bazi ta' dik l-informazzjoni li kien hemm fil-claim form u anke fil-case summaries ta' Mater Dei ahna ma hallasniex peress li health warranty kienet tapplika"* (fol. 92).

Pero' mill-atti ma jirrizultax dak li qal ix-xhud, cjoe' li r-ragel tal-attrici kien ibaghti minn *chronic heart failure*.

11. Wara li l-qorti qrat l-atti, tosserva li sabiex il-konvenuta tirnexxi fid-difiza taghha kellha tressaq prova li l-kundizzjoni li kellu r-ragel tal-konvenuta kienet *'a serious or chronic illness'*. Il-fatt li fis-sena 2011 ir-ragel tal-attrici kien qieghed jiehu l-Warfarin u Amiodarone, milli jidher ghal kontra l-fibrillazzjoni tal-qalb, ma jfissirx li l-kundizzjoni li kellu kienet serja jew kronika. Prova li semmai kellha ssir permezz ta' prova medika u mhux a bazi ta x'tahseb is-socjeta konvenuta. L-istess il-fatt li persuna tkun qeghda tiehu medicina ma jfissirx li ssofri minn *"serious or chronic illness"*. Ghalhekk id-decizjoni tal-konvenuta li ma tonorax il-claim minhabba li Zine Tasev Manoilov ghandu mard kroniku, mhijiex sorretta mill-provi.

12. Fir-rikors tal-appell il-konvenuta qalet li meta xtrat il-polza, l-attrici:

> *".... ma indikatx li kien hemm problemi li ghalihom kien qed jinghata trattament u medikazzjoni fit-12 il-xahar ta' qabel, meta giet biex taghmel il-claim irrizulta mod iehor. Dan juri li kien hemm nuqqas ta' utmost good faith min-naha tal-attrici..."*

L-attrici ghamlet il-claim fit-22 ta' April, 2013. Ghad-domanda: *"were you undergoing any treatment and/or medication relation to the above within the past 12 months ?"*, wiegbet *"Yes, Pills for blood pressure"*. Kif rajna, zewgha ddahhal l-isptar fid-29 ta' Marzu, 2013 u kien f'dak l-istadju li nghata l-medicina (ara Dok. RS3 a fol. 32 minn fejn jirrizulta li nghata erba' tipi ta' medicina). Ma jirrizultax li qabel dakinhar il-pazjent kien qieghed jiehu medicina ghall-pressjoni gholja. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal clinical details fl-istess dokument fejn il-medicina li ssemmiet hi amiodarone u warfarin. Ghalhekk probabbilment meta fit-22 ta' April, 2013 l-attrici wiegbet ghad-domanda b'dak il-mod, kienet qeghda tirreferi ghall-medicina li kien inghata zewgha waqt li kien l-isptar fl-ahhar ta' Marzu, 2013. Ghaldaqstant, ma kien hemm l-ebda nuqqas ta' *utmost good faith*.

13. Il-konvenuta argumentat li min-notamenti medici ta' Mater Dei jirrizulta li l-pazjent kien minn jeddu waqqaf il-medicina *amiodarone*. Fil-fatt jinghad: *"The patient was previously on amiodarone, which was stopped by the patient himself"* (fol. 32). Kompliet tghid li fil-polza hemm eskluzjoni ohra taht il-parti *'general exclusions which apply to the whole policy'* fejn f'numru 4 jinghad:

> *"4. Death, injury, illness or disability that results from suicide or attempted suicide or* ***any act which could reasonably be considered as exposure to danger****...."*

Kif rajna diga meta xehed Galdes qal li l-konvenuta rrifjutat li thallas minhabba l-mard kroniku. F'kull kaz, it-Tribunal jidher li emmen il-verzjoni li

taw l-attrici u zewgha, fis-sens li l-medicina amiodarone twaqqfet fuq parir tat-tabib Bulgaru Dr Aleksander Kadyiski, li wkoll ghamel dikjarazzjoni f'dan is-sens (fol. 72). Fil-fatt it-Tribunal ghamel ukoll riferenza ghall-artikolu 9(2)(b) tal-Kap. 380, u osserva, *"Wiehed ma jridx jinsa d-diffikulta tal-lingwa li zewg ir-rikorrenti jidher li ghandu tant li biex jixhed kellu jitqabbad interpretu"*. It-Tribunal semgha x-xhieda u ghalhekk kien fl-ahjar posizzjoni li japprezza li Zine Tasev Manoilov kellu diffikulta sabiex jitkellem bl-Ingliz. Ghaldaqstant, il-qorti ma tara l-ebda raguni gravi li tista' twassalha biex ma taqbilx mal-konkluzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal.

14. It-tielet aggravju hu wkoll minghajr bazi. Mill-provi jirrizulta li kienet l-attrici li xtrat il-vjagg u l-polza (ara dokumenti a fol. 12 u 18). Bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li x-xiri ta' vjagg hu att ta' amministrazzjoni straordinarja. Hu evidenti wkoll li dak li ghamlet l-attrici kien bl-approvazzjoni tieghu (ara affidavit tieghu a fol. 28). Dan apparti li quddiem it-Tribunal il-konvenuta ma tatx eccezzjoni f'dan is-sens (fol. 7). Appell m'ghandux iservi sabiex jinghataw eccezzjonijiet godda.

15. Ghal dak li jirrigwarda r-raba' aggravju, il-konvenuta ghandha ragun. It-Tribunal kkundanna lill-konvenuta thallas l-imghax *"... mid-data ta' meta r-rikorrenti ghamlet il-claim mas-socjeta intimate sad-data tal-hlas effettiv"*. L-imghax jiddekorri mid-data minn meta l-konvenuta giet interpellata thallas.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel tlett aggravji.**
2. **Tilqa' r-raba' aggravju u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sens li l-imghax jiddekorri mill-24 ta' Marzu, 2014. Ghal kumplament tikkonferma s-sentenza appellata.**

   **Spejjez tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 5% a karigu tal-attrici u 95% a karigu tas-socjeta konvenuta.**

Anthony Ellul.